# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 418

Volum 58

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

16 ta' Diċembru 2015


Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2015/C 418/01 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Valuri korrispondenti tal-limiti tad-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ..... 1


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**


2015/C 418/02 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għad-Danimarka ..... 4

2015/C 418/03 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija tal-UE dwar it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol ..... 6

2015/C 418/04 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-persuni li jgħixu bid-demenzja: it-titjib tal-politiki u l-prassi tal-kura ..... 9


MT

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2015/C 418/05 Rata tal-kambju tal-euro ..... 13

2015/C 418/06 Notifika tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għat-28 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Jannar 2016 (*Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1)*) 14

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2015/C 418/07 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ..... 15

2015/C 418/08 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat tas-servizzi tal-ajru fil-Komunità — Obbligi ta' servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru bi skeda ..... 16

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2015/C 418/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7793 — Lone Star Fund IX/MRH) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 17

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## Valuri korrispondenti tal-limiti tad-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(2015/C 418/01)

Il-valuri korrispondenti fil-valuti nazzjonali għajr għall-euro tal-limiti tad-Direttivi 2004/17/KE ([1]), 2004/18/KE ([2]) u 2009/81/KE ([3]) huma dawn li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| EUR 80 000 | BGN | Lev Bulgaru Ġdid | 156 464 |
| | CZK | Koruna Ċeka | 2 184 400 |
| | DKK | Krone Daniż | 596 520 |
| | GBP | Lira Sterlina | 62 842 |
| | HRK | Kuna Kroata | 610 024 |
| | HUF | Forint Ungeriż | 24 549 600 |
| | PLN | Zloty Pollakk Ġdid | 333 992 |
| | RON | Leu Rumen Ġdid | 355 632 |
| | SEK | Krona Żvediża | 731 224 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| EUR 135 000 | BGN | Lev Bulgaru Ġdid | 264 033 |
| | CZK | Koruna Ċeka | 3 686 175 |
| | DKK | Krone Daniż | 1 006 628 |
| | GBP | Lira Sterlina | 106 047 |
| | HRK | Kuna Kroata | 1 029 416 |
| | HUF | Forint Ungeriż | 41 427 450 |
| | PLN | Zloty Pollakk Ġdid | 563 612 |
| | RON | Leu Rumen Ġdid | 600 129 |
| | SEK | Krona Żvediża | 1 233 941 |

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
([3]) ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.

| | | | |
|---|---|---|---|
| EUR 209 000 | BGN | Lev Bulgaru Ġdid | 408 762 |
| | CZK | Koruna Ċeka | 5 706 745 |
| | DKK | Krone Daniż | 1 558 409 |
| | GBP | Lira Sterlina | 164 176 |
| | HRK | Kuna Kroata | 1 593 688 |
| | HUF | Forint Ungeriż | 64 135 830 |
| | PLN | Zloty Pollakk Ġdid | 872 554 |
| | RON | Leu Rumen Ġdid | 929 089 |
| | SEK | Krona Żvediża | 1 910 323 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| EUR 418 000 | BGN | Lev Bulgaru Ġdid | 817 524 |
| | CZK | Koruna Ċeka | 11 413 790 |
| | DKK | Krone Daniż | 3 116 817 |
| | GBP | Lira Sterlina | 328 352 |
| | HRK | Kuna Kroata | 3 187 375 |
| | HUF | Forint Ungeriż | 128 271 660 |
| | PLN | Zloty Pollakk Ġdid | 1 745 108 |
| | RON | Leu Rumen Ġdid | 1 858 177 |
| | SEK | Krona Żvediża | 3 820 645 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| EUR 750 000 | BGN | Lev Bulgaru Ġdid | 1 466 850 |
| | CZK | Koruna Ċeka | 20 478 750 |
| | DKK | Krone Daniż | 5 592 375 |
| | GBP | Lira Sterlina | 589 148 |
| | HRK | Kuna Kroata | 5 718 975 |
| | HUF | Forint Ungeriż | 230 152 500 |
| | PLN | Zloty Pollakk Ġdid | 3 131 175 |
| | RON | Leu Rumen Ġdid | 3 334 050 |
| | SEK | Krona Żvediża | 6 855 225 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| EUR 1 000 000 | BGN | Lev Bulgaru Ġdid | 1 955 800 |
| | CZK | Koruna Ċeka | 27 305 000 |
| | DKK | Krone Daniż | 7 456 500 |
| | GBP | Lira Sterlina | 785 530 |
| | HRK | Kuna Kroata | 7 625 300 |
| | HUF | Forint Ungeriż | 306 870 000 |
| | PLN | Zloty Pollakk Ġdid | 4 174 900 |
| | RON | Leu Rumen Ġdid | 4 445 400 |
| | SEK | Krona Żvediża | 9 140 300 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| EUR 5 225 000 | BGN | Lev Bulgaru Ġdid | 10 219 055 |
| | CZK | Koruna Ċeka | 142 668 625 |
| | DKK | Krone Daniż | 38 960 213 |
| | GBP | Lira Sterlina | 4 104 394 |
| | HRK | Kuna Kroata | 39 842 193 |
| | HUF | Forint Ungeriż | 1 603 395 750 |
| | PLN | Zloty Pollakk Ġdid | 21 813 853 |
| | RON | Leu Rumen Ġdid | 23 227 215 |
| | SEK | Krona Żvediża | 47 758 068 |

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-14 ta' Diċembru 2015

## li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għad-Danimarka

(2015/C 418/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2015 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perjodu mill-20 ta' Ottubru 2015 sad-19 ta' Ottubru 2020.

(2) Il-Gvern tad-Danimarka ppreżenta nomini oħra għal diversi karigi li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali mill-20 ta' Ottubru 2015 sad-19 ta' Ottubru 2020:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Pajjiż | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Danimarka | Is-Sinjura Karin MØHL LARSEN | Is-Sinjura Marie-Louise OUTZEN |

II. RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

| Pajjiż | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Danimarka | Is-Sur Christian SØLYST | Is-Sinjura Tine SKOV JENSEN |

([1]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali (ĠU C 341, 16.10.2015, p. 4).

III. RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM

| Pajjiż | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Danimarka | Is-Sinjura Christiane MIßLBECK-WINBERG | Is-Sur Henning GADE |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar lill-membri u lill-membri supplenti li għadhom ma ġewx nominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. ETGEN

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija tal-UE dwar it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol**

(2015/C 418/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. IFAKKAR li taħt l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni, u li l-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard, u lejn l-evitar tal-fonti ta' periklu għas-saħħa umana. Din l-azzjoni għandha tkopri wkoll il-ġlieda kontra il-flaġelli kbar tas-saħħa, billi b'mod partikolari tinkoraġġixxi riċerka fuq il-kawża tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa;

   L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa pubblika u, jekk meħtieġ, tagħti sostenn lill-azzjoni tagħhom. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkultivaw kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti. L-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika, kif ukoll l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom;

2. IFAKKAR li l-użu ta' ħsara tal-alkoħol ingħaraf bħala fattur ta' riskju importanti stabbilit fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istrateġija tal-Komunità Ewropea fil-qasam tas-saħħa ([1]) u li l-azzjonijiet biex titnaqqas il-ħsara relatata mal-alkoħol ġew iffinanzjati mit-tieni u t-tielet Programm tal-Unjoni fil-Qasam tas-Saħħa ([2]);

3. IFAKKAR fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2001 dwar ix-xorb tal-alkoħol miż-żgħażagħ ([3]), li stiednet lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tagħmel użu sħiħ mill-politiki Komunitarji kollha biex tindirizza l-materji koperti fir-rakkomandazzjoni, fost l-oħrajn, l-iżvilupp fil-livell nazzjonali u dak Ewropew ta' politiki komprensivi għall-promozzjoni tas-saħħa li jindirizzaw l-alkoħol;

4. IFFAKAR fl-Istrateġija tal-UE li tappoġġa lill-Istati Membri għat-tnaqqis ta' ħsara relatata mal-alkoħol (2006–2012) ([4]) kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2001 ([5]), 2004 ([6]) u 2006 ([7]), li jistiednu lill-Kummissjoni tressaq strateġija komprensiva mmirata lejn it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol, l-istabbiliment tal-Kumitat dwar il-Politika u l-Azzjoni Nazzjonali dwar l-Alkoħol (CNAPA) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' tali strateġija, kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2009 ([8]) li jistiednu lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-prijoritajiet għall-fażi li jmiss tal-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-alkoħol u s-saħħa wara t-tmiem tal-ewwel Strateġija tal-UE dwar l-Alkoħol fl-2012;

5. JILQA' r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Strateġija dwar l-Alkoħol tad-29 ta' April 2015 li titlob Strateġija ġdida tal-UE dwar l-Alkoħol (2016-2022) ([9]), u li ttenni l-importanza ta' impenn politiku b'saħħtu mill-Kummissjoni, il-Parlament, il-Kunsill u l-Istati Membri biex jiżdiedu l-isforzi għall-prevenzjoni tal-ħsara relatata mal-alkoħol;

6. JILQA' l-Istrateġija Globali tal-WHO biex jitnaqqas l-użu ta' ħsara tal-alkoħol ([10]) u l-pjan ta' azzjoni Ewropew tal-WHO biex jitnaqqas l-użu ta' ħsara tal-alkoħol 2012–2020 ([11]);

([1]) 8756/00.
([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3); Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).
([3]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2001/458/KE tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar ix-xorb tal-alkoħol miż-żgħażagħ, b'mod partikolari mit-tfal u l-adoloxxenti, (ĠU L 161, 16.6.2001, p. 38).
([4]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni tal-24 ta' Ottubru 2006, Strateġija tal-UE li tappoġġa lill-Istati Membri għat-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol, COM(2006) 625 final.
([5]) Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 (ĠU C 175, 20.6.2001, p. 2).
([6]) Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2004 dwar l-alkoħol u ż-żgħażagħ, 9507/04 (Presse 163).
([7]) Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2006, Strateġija tal-UE biex titnaqqas il-ħsara relatata mal-alkoħol, 15258/06.
([8]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-alkoħol u s-saħħa tal-1 ta' Diċembru 2009 (ĠU C 302, 12.12.2009, p. 15).
([9]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2015 dwar Strateġija dwar l-Alkoħol (2015/2543(RSP)).
([10]) Riżoluzzjoni WHA63.13, p. 27.
([11]) Riżoluzzjoni EUR/RC61/R4.

7. JINNOTA BI THASSIB li, skont ir-Rapport tal-Istatus Globali tal-WHO dwar l-alkoħol u s-saħħa ([1]), l-użu ta' ħsara tal-alkoħol huwa fost il-fatturi dinjija ewlenin ta' riskju ta' mard u diżabbiltà, u li l-Unjoni Ewropea hija r-reġjun bl-ogħla konsum ta' alkoħol fid-dinja b'konsum medju ta' alkoħol mill-adulti (ta' 15-il sena jew aktar) ta' 10,1 litri ta' alkoħol pur fl-2012 ([2]);

8. JINNOTA BI THASSIB li, skont ir-rapport tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar "Tackling Harmful Alcohol Use - Economics and Public Health Policy" ([3]), ix-xorb b'mod regolari u eċċessiv qiegħed jiżdied f'xi Stati Membri, u hemm tħassib ġenerali dwar iż-żieda allarmanti fil-konsum tal-alkoħol fost iż-żgħażagħ (minuri u adulti żgħażagħ) u n-nisa f'ħafna Stati Membri, u li l-abbuż mill-alkoħol ma għandux biss impatt negattiv fuq is-saħħa tal-individwi, iżda wkoll fuq is-soċjetà b'mod ġenerali;

9. JENFASIZZA li t-tnaqqis tal-piż tal-mewt, il-mard kroniku u il-feriti kroniċi, il-vjolenza, l-inugwaljanzi fis-saħħa u konsegwenzi soċjali oħra għal partijiet terzi relatati mal-alkoħol u li jistgħu jiġu evitati, kif ukoll tal-imġiba ta' xorb riskjuża b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, sar tħassib komuni u li l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE jkunu ta' valur miżjud;

10. JENFASSIZA li l-prevenzjoni tal-ħsara relatata mal-alkoħol tirrappreżenta investiment neċessarju, li huwa ta' benefiċċju għall-ekonomija peress li tippermetti l-limitazzjoni fit-tul tat-telf ekonomiku u n-nefqa fil-kura tas-saħħa, fost oħrajn permezz tat-tnaqqis tal-piż tal-mard kroniku, inkluż il-kanċer, u ż-żieda tal-produttività tal-forza tax-xogħol;

11. JENFASIZZA wkoll li t-tnaqqis tal-użu ta' ħsara tal-alkoħol għandu wkoll effett pożittiv fuq is-sigurtà pubblika u s-sigurtà fit-toroq, b'mod partikolari fuq it-tnaqqis tal-imwiet u l-korrimenti dovuti għal inċidenti tat-toroq;

12. JINNOTA li t-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol jirrikjedi azzjonijiet fuq firxa ta' oqsma ta' politika u li jinvolvu ħafna setturi fis-soċjetà kollha, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE;

13. ITENNI t-talba għal strateġija tal-UE dwar it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol espressa minn għadd kbir ta' Ministri fil-laqgħa informali tal-Ministri għas-saħħa tal-21 ta' April 2015 kif ukoll fil-Kunsill EPSCO tad-19 ta' Ġunju 2015, u jissottolinja l-fatt li tali strateġija tista' tappoġġa u tikkomplementa aktar il-politiki nazzjonali dwar is-saħħa pubblika.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

14. IKOMPLU jippromwovu approċċ multisettorjali fir-rigward tat-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol fil-livell nazzjonali u dak tal-UE u jsaħħu jew jiżviluppaw, kif xieraq, strateġiji jew pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali komprensivi mfassla għal tradizzjonijiet lokali u reġjonali speċifiċi;

15. JADOTTAW miżuri xierqa biex jindirizzaw il-protezzjoni taż-żgħażagħ mill-użu ta' ħsara tal-alkoħol, b'mod partikolari fil-qasam tal-età legali tax-xorb u l-esponiment għall-kummerċjalizzazzjoni u JKOMPLU jappoġġaw l-informazzjoni u l-edukazzjoni dwar l-użu ta' ħsara tal-alkoħol u b'mod partikolari dwar imġiba ta' xorb riskjuża.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

16. ISAĦĦU l-kooperazzjoni fl-identifikazzjoni ta' miżuri effettivi u l-aħjar prattiki mmirati lejn it-tnaqqis tal-impatti fuq is-saħħa u dawk soċjali kif ukoll l-inugwaljanzi fis-saħħa li ġejjin mill-użu ta' ħsara tal-alkoħol, filwaqt li jiffukaw b'mod partikolari fuq il-prevenzjoni ta' imġiba ta' xorb riskjuża fost iż-żgħażagħ, fuq in-nies li jikkunsmaw l-alkoħol f'livelli ta' ħsara jew b'xejriet ta' xorb ta' ħsara, fuq il-konsum tal-alkoħol waqt it-tqala u fuq is-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol;

17. IKOMPLU jappoġġaw il-ħidma tas-CNAPA, filwaqt li jieħdu kont tar-riżultati tar-rapport tal-implimentazzjoni dwar l-ewwel Strateġija tal-UE dwar l-Alkoħol ([4]) kif ukoll l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali u dak Ewropew biex titnaqqas il-ħsara relatata mal-alkoħol;

([1]) WHO 2014, p. 46, p. 31.
([2]) Health at a Glance: Europe 2014 (Ħarsa fuq fuq lejn is-saħħa: Ewropa 2014)(pubblikazzjoni konġunta mill-OECD u l-Kummissjoni Ewropea), Diċembru 2014.
([3]) Tackling Harmful Alcohol Use - Economics and Public Health Policy, Mejju 2015.
([4]) Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi, L-ewwel rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Alkoħol, Settembru 2009.

18. JAGĦRFU l-ħtieġa li jitkompla l-ġbir ta' informazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali relatata mal-alkoħol, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali kif ukoll it-tradizzjonijiet soċjali u kulturali fil-livell reġjonali u dak lokali;

19. JIKKUNSIDRAW, b'mod partikolari fid-dawl tar-rapport li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, il-possibbiltà tal-introduzzjoni ta' tikkettar mandatorju tal-ingredjenti u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, b'mod partikolari tal-valur enerġetiku, ta' xorb alkoħoliku.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

20. TKOMPLI tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-ħsara relatata mal-alkoħol, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

21. TADOTTA sa tmiem l-2016, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri, strateġija komprensiva tal-UE dedikata għat-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol u li tinkludi azzjonijiet fil-politiki kollha tal-UE sabiex jiġu indirizzati il-konsegwenzi ta' saħħa, soċjali u ekonomiċi tal-użu ta' ħsara tal-alkoħol. Din l-istrateġija dedikata tal-UE għandha tiffoka fuq inizjattivi dwar it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol b'dimensjoni transkonfinali u valur miżjud tal-UE bħala segwitu għall-ewwel Strateġija dwar l-Alkoħol tal-UE (2006–2012) u għandha tqis il-ħidma mwettqa mis-CNAPA kif ukoll il-ħidma li saret taħt l-Istrateġija Globali dwar l-Alkoħol tal-WHO u l-pjan ta' azzjoni Ewropew tal-WHO biex jitnaqqas l-użu ta' ħsara tal-alkoħol 2012–2020;

22. TIRRAPORTA lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-ħidma u l-progress tagħha fil-qasam tat-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol.

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-persuni li jgħixu bid-demenzja: it-titjib tal-politiki u l-prassi tal-kura**

(2015/C 418/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR li skont l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni, u li l-azzjoni tal-Unjoni, li għandha tikkomplementa l-politiki nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa pubblika u, jekk meħtieġ, tagħti sostenn lill-azzjonijiet tagħhom u trawwem il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti. L-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta b'mod sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika, inkluż l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom;

2. JINNOTA BI TĦASSIB li 47,5 miljun ruħ fid-dinja kollha bħalissa qegħdin jgħixu bid-demenzja, b'58 % minnhom jgħixu f'pajjiżi bi dħul baxx u medju. Huwa stmat li fl-Unjoni Ewropea 6,4 miljun ruħ jgħixu bid-demenzja ([1]);

3. IFAKKAR li d-demenzja hija waħda mill-kawżi prinċipali ta' diżabilità u dipendenza fost l-anzjani madwar id-dinja u li għandha impatt fiżiku, psikoloġiku, soċjali u ekonomiku fuq il-persuni li jgħixu bid-demenzja u l-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom, kif ukoll fuq is-soċjetà ([2]);

4. IFAKKAR li filwaqt li l-maġġoranza tal-persuni bid-demenzja huma anzjani, hemm ukoll għadd sinifikanti ta' persuni b'bidu bikri tad-demenzja;

5. JENFASIZZA d-drittijiet tal-pazjenti, b'mod partikolari dawk relatati mad-dinjità tal-bniedem, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ([3]);

6. JIRRIKONOXXI li l-persuni jistgħu jgħixu tajjeb bid-demenzja għal għadd ta' snin, partikolarment jekk ikun hemm fis-seħħ l-aċċess, il-valutazzjoni, id-dijanjożi u l-appoġġ it-tajjeb f'waqthom;

7. JIRRIKONOXXI l-impatt sinifikanti tad-demenzja u ta' mard marbut mad-demenzja fuq is-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tas-saħħa u s-sigurtà soċjali;

8. JENFASIZZA l-importanza li jiġu promossi stili ta' ħajja f'saħħa tajba, inklużi s-saħħa tal-moħħ, tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja, sabiex jiżdiedu s-snin ta' ħajja f'saħħa tajba;

9. IFAKKAR li fehim aħjar ta' dawn il-kondizzjonijiet huwa meħtieġ biex jintlaħqu standards għoljin ta' saħħa għal soċjetà li qed tixjieħ, li hija waħda mill-prijoritajiet kemm tat-tieni kif ukoll tat-tielet Programm tas-Saħħa attwali (2014-2020) ([4]);

10. IFAKKAR li bosta inizjattivi fil-livell tal-UE rrikonoxxew ukoll d-demenzja bħala prijorità għal azzjoni fil-kuntest tal-bidla demografika u tenna l-konsegwenzi sinifikanti taż-żieda fl-għadd ta' persuni li jgħixu bil-marda ([5]);

11. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fis-16 ta' Diċembru 2008 dwar strateġiji tas-saħħa pubblika għall-ġlieda kontra l-mard newrodeġenerattiv assoċjat max-xjuħija, li talab lill-Kummissjoni biex fl-2009 tadotta inizjattiva għall-ġlieda kontra dan il-mard ([6]);

([1]) WHO, Skeda informattiva Nru 362, Marzu 2015, http://www.who.int/mediacentre/factsheets/fs362/en/; Rapport tal-Azzjoni Konġunta ALCOVE, Sommarju Eżekuttiv, p. 29, http://www.alcove-project.eu/images/synthesis-report/ALCOVE_SYNTHESIS_REPORT_WP4.pdf

([2]) WHO, Skeda informattiva Nru 362, Marzu 2015.

([3]) Ara l-Kapitolu I dwar id-Dinjità, disponibbli biex jitniżżel minn fuq l-Internet fuq http://www.europarl.europa.eu/charter/pdf/text_en.pdf

([4]) Regolament (UE) Nru 282/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020); (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1)

([5]) Ara l-ħarsa ġenerali dwar l-inizjattivi fil-qasam tad-demenzja – bħall-Azzjoni Konġunta ALCOVE, is-Sħubija Ewropea għal Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu, il-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benesseri Mentali, il-Pjattaforma Ewropea biex tiffaċilita prova tal-kunċett għall-prevenzjoni tal-marda ta' Alzheimer (EPOC-AD) u l-Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi – li tinsab fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar inizjattiva Ewropea dwar il-marda ta' Alzheimer u demenzji oħrajn, SWD(2014) 321 final tas-16.10.2014.

([6]) http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/lsa/104778.pdf

12. IFAKKAR li l-Kummissjoni pproponiet approċċ ġdid favur użu aħjar tal-fondi pubbliċi tal-Ewropa għar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) permezz ta' Programmazzjoni Konġunta f'oqsma ewlenin li jinkludu l-marda tal-Alzheimer. Bħala riżultat, fl-2010 tnediet l-Inizjattiva ta' Programmazzjoni Konġunt dwar il-Mard Newrodeġenerattiv (JPND) immexxija mill-Istati Membri bil-għan li jikkoordinaw aħjar l-isforzi ta' riċerka nazzjonali fil-qasam tal-mard newrodeġenerattiv, u b'mod partikolari l-marda tal-Alzheimer;

13. IFAKKAR li fis-7 Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (2007-2013) intefqu aktar minn EUR 576 miljun f'finanzjament dwar ir-riċerka fuq id-demenzja u l-mard newroġenerattiv bejn l-2007 u l-2013; waqt li jibni fuq dawn ir-riżultati, l-Orizzont 2020 (2014-2020), il-Qafas il-ġdid tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020 jippermetti li tiġi indirizzata aktar id-demenzja bħala sfida soċjetali u tas-saħħa, b'diġà aktar minn EUR 103 miljun investiti f'riċerka rilevanti għad-demenzja u azzjonijiet ta' innovazzjoni;

14. JILQA' r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, adottata fid-19 ta' Jannar 2011, dwar inizjattiva Ewropea dwar il-marda ta' Alzheimer u demenzji oħrajn li tappella biex id-demenzja ssir prijorità tal-UE fil-qasam tas-saħħa u tħeġġeġ b'mod qawwi lill-Istati Membri biex jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali ddedikati ([1]);

15. IFAKKAR fl-ewwel rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), "Demenzja: Prijorità tas-Saħħa Pubblika" ([2]), ippubblikat fl-2012, li pprovda informazzjoni u qajjem sensibilizzazzjoni dwar id-demenzja u li għamel id-demenzja waħda mill-kundizzjonijiet ta' prijorità li ġew indirizzati fil-Programm ta' Azzjoni għas-Saħħa Mentali tad-WHO ([3]), li għandu l-għan li jżid il-kura għal disturbi mentali, newroloġiċi u dawk relatati mal-abbuż tad-droga;

16. JILQA' d-Dikjarazzjoni tal-Ministri tas-Saħħa tal-G8 dwar id-Demenzja, adottata fil-11 ta' Diċembru 2013 fis-Summit tal-G8, biex titrawwem l-innovazzjoni għall-identifikazzjoni ta' kura jew terapija li timmodifika l-marda tad-demenzja sal-2025 kif ukoll oqsma ta' prijorità strateġika u biex jiżdied il-finanzjament għar-riċerka ([4]);

17. IFAKKAR fil-Konferenza tal-Presidenza Taljana "Id-Demenzja fl-Ewropa: sfida għall-futur komuni tagħna", li saret f'Ruma fl-14 ta' Novembru 2014 ([5]), li tat ħarsa ġenerali tal-inizjattivi dwar id-demenzja fl-UE, b'mod partikolari dwar il-prevenzjoni, it-trattament u l-promozzjoni tas-saħħa fix-xjuħija;

18. IFAKKAR fir-rapport tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tat-13 ta' Marzu 2015 intitolat "Kura aħjar għad-demenzja u kura fil-futur jeħtieġu azzjoni llum" ([6]), li afferma mill-ġdid il-ħtieġa li d-demenzja ssir prijorità politika;

19. JILQA' s-Sejħa għall-Azzjoni ffirmata mill-parteċipanti fl-ewwel Konferenza Ministerjali tad-WHO dwar Azzjoni Globali Kontra d-Demenzja f'Ġinevra fis-17 ta' Marzu 2015, li ssottolinjat ir-rwol u r-responsabbiltà primarji tal-gvernijiet fir-rispons għall-isfida tad-demenzja u enfasizza l-ħtieġa għal azzjoni multisettorjali u koordinata fuq livell nazzjonali u globali, immirata b'mod partikolari lejn l-avvanz tal-prevenzjoni, it-tnaqqis tar-riskju, id-dijanjosi u t-trattament tad-demenzja ([7]);

20. JENFASIZZA li fis-snin reċenti d-demenzja saret prijorità għolja għal aktar u aktar Stati Membri, minħabba l-fatt li l-iżvilupp, l-adozzjoni jew l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali, pjanijiet ta' azzjoni jew programmi li jindirizzaw id-demenzja għaddejjin fil-maġġoranza tal-Istati Membri; li l-inizjattivi tal-Istati Membri diġà fis-seħħ jew li jinsabu fil-proċess huma bbażati fuq approċċ integrat għat-triq tal-pazjent li jikkunsidra kwistjonijiet soċjali u ta' saħħa;

21. JILQA' d-diskussjoni fil-laqgħa informali tal-Ministri għas-Saħħa tal-UE fl-24 ta' Settembru 2015 dwar it-trawwim tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali, pjanijiet ta' azzjoni jew programmi dwar id-demenzja kif ukoll dwar l-iffaċilitar tal-iskambju tal-aħjar prattiki fil-livell tal-UE, b'kont meħud tal-attivitajiet tad-WHO;

22. JILQA' t-tieni Azzjoni Konġunta dwar id-Demenzja, li għandha titnieda fl-2016.

---

([1]) 2010/2084 (INI).
([2]) WHO, "Dementia: a public health priority", 2012, disponibbli biex jitniżżel minn fuq l-Internet fuq http://www.who.int/mental_health/publications/dementia_report_2012/en/
([3]) http://www.who.int/mental_health/mhgap/en/
([4]) https://www.gov.uk/government/publications/g8-dementia-summit-agreements
([5]) http://www.salute.gov.it/portale/ItaliaUE2014/dettaglioEvento.jsp?lingua=english&id=246
([6]) http://www.oecd.org/newsroom/better-dementia-care-and-a-future-cure-require-action-today.htm
([7]) http://www.who.int/mediacentre/news/releases/2015/action-on-dementia/en/#

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

23. JINDIRIZZAW id-demenzja bħala prijorità permezz ta' strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni jew programmi nazzjonali u transversali dwar id-demenzja biex jipprovdu kura u assistenza adatta lill-persuni li jgħixu bid-demenzja, il-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u s-sigurtà soċjali.

24. IKOMPLU jiddedikaw attenzjoni speċjali lit-tisħiħ tal-koordinazzjoni fl-Istati Membri ta' politiki rilevanti fil-qasam tad-demenzja, inkluż it-tisħiħ tar-rwol tal-kura primarja.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

25. JIRRIKONOXXU li kollaborazzjoni kontinwa bejn is-setturi fost l-Istati Membri u fil-livell tal-UE – filwaqt li jieħdu kont tal-attivitajiet tad-WHO – ser tippermetti kontribut siewi biex jittejjeb l-appoġġ ta' persuni li jgħixu bid-demenzja;

26. JIRRIKONOXXU l-benefiċċji tal-awtonomizzazzjoni ta' persuni li jgħixu bid-demenzja u jinkoraġġixxu l-inklużjoni tagħhom fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet billi jsaħħu r-rappreżentanza tagħhom, b'mod partikolari f'inizjattivi, organizzazzjonijiet u korpi fil-qasam tad-demenzja;

27. JAPPOĠĠAW approċċ individwali u bbażat fuq riċerka u sensittiv għall-ġeneru fl-elaborazzjoni ta' strateġiji, pjanijiet u programmi dwar id-demenzja, b'kont meħud ta' gruppi bi ħtiġijiet speċifiċi, l-impatt tad-diversità kulturali fuq il-perċezzjonijiet tad-demenzja, kif ukoll l-aspettattivi u d-drittijiet ta' persuni li jgħixu bid-demenzja u l-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom;

28. JIRRIKONOXXU r-rwol importanti ta' familji u persuni li jieħdu ħsiebhom, b'mod partikolari billi jiżguraw l-inklużjoni tagħhom fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u l-ħtieġa li jipproteġu l-benesseri fiżiku u mentali tagħhom permezz ta' appoġġ adegwat.

29. JIRRIKONOXXU l-ħidma importanti tal-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar id-Demenzja fil-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' esperjenzi u prassi tajba biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji, pjanijiet jew programmi nazzjonali dwar id-demenzja;

30. JAPPOĠĠAW il-ħidma fil-kuntest ta' oqsma ta' politika tal-UE li jista' jkollhom impatt fuq il-politika dwar id-demenzja, b'mod partikolari l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika fil-livell ta' Uffiċjali Għolja kif ukoll il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) ([1]) u l-Kumitat għall-Politika Ekonomika (EPC) ([2]) dwar il-kura tas-saħħa u l-kura għal perijodu twil;

31. IMEXXU 'L QUDDIEM, filwaqt li jirrispettaw b'mod sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri, diskussjonijiet fil-livell tal-UE dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rwol tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, it-tnaqqis tar-riskju, l-iskoperta bikrija, id-dijanjosi f'waqtha u l-appoġġ ta' wara d-dijanjożi fil-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-piż tad-demenzja;

(b) modi biex jiġi żgurat li l-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament u l-kura jkunu kkoordinati fi ħdan il-pajjiżi, bl-involviment ta' kompetenzi esperti multidixxiplinari, u li dawn jingħataw f'postijiet eqreb għad-dar;

(c) il-valur miżjud tal-iskambju tal-aħjar prassi b'attenzjoni fuq il-komponenti ewlenin u l-għodod li jiżguraw il-kwalità tal-kura tal-pazjenti u l-appoġġ għal dawk li jieħdu ħsiebhom, sabiex jiġu evalwati aħjar id-diversi approċċi u prattiki f'dawn l-oqsma;

(d) il-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jgħixu bid-demenzja, b'enfasi partikolari fuq id-dimensjoni etika tad-demenzja sabiex tkun żgurata xjuħija f'saħħitha bid-dinjità;

(e) l-użu tal-potenzjal tas-saħħa elettronika u teknoloġiji ta' assistenza fit-titjib tal-appoġġ u l-kura għal persuni li jgħixu bid-demenzja;

(f) ir-raggruppament u l-aċċess għal għarfien eżistenti dwar inizjattivi li għaddejjin u l-bażi ta' evidenza relatata kif ukoll l-integrazzjoni tagħha fil-prattika ta' kuljum fil-kura tas-saħħa u l-kura soċjali;

(g) il-ħtieġa li jiġu promossi r-rwol u l-edukazzjoni kontinwa tal-professjonisti tas-saħħa biex jiġi żgurat l-aħjar sostenn possibbli għal persuni li jgħixu bid-demenzja u l-familji tagħhom;

(h) il-promozzjoni ta' komunitajiet li jappoġġaw id-demenzja;

([1]) Grupp ta' Ħidma tal-SPC dwar Kwistjonijiet ta' Tixjiħ, ara http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=758
([2]) Grupp ta' Ħidma tal-EPC dwar il-Popolazzjonijiet li qed Jixjieħu u s-Sostenibbiltà, http://europa.eu/epc/working_groups/ageing_en.htm

32. JINTENSIFIKAW ir-riċerka dwar id-demenzja, waqt li jibnu fuq ir-riżultat ta' proġetti ffinanzjati mill-UE bħall-Inizjattiva ta' Programmazzjoni Konġunta tal-UE dwar il-Mard Newrodeġenerattiv (JPND), partikolarment dwar il-fatturi ta' riskju u l-patofiżjoloġija sottostanti tagħha, kif ukoll it-traduzzjoni ta' interventi ta' suċċess dwar il-ġestjoni tad-demenzja fil-prassi klinika, waqt li jikkunsidraw ukoll sħubijiet pubbliċi-pubbliċi, pubbliċi-privati u internazzjonali;

33. JIBBENEFIKAW minn riżorsi, mudelli u għodod żviluppati b'suċċess fil-livell tal-UE, bħal dawk miġbura permezz tas-Sħubija Ewropea għal Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu, l-Azzjoni Konġunta ALCOVE u mill-istrateġiji żviluppati biex tiżdied il-prassi tajba;

34. JIŻVILUPPAW, fejn adatt, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar id-Demenzja, gwida volontarja bbażata fuq perspettiva komprensiva u integrata dwar id-demenzja, filwaqt li jitqiesu l-aspetti ta' prevenzjoni u promozzjoni tas-saħħa kkoordinati, id-dijanjożi f'waqtha, l-appoġġ wara d-djanjożi, it-trattament u l-kura, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi tal-Istati Membri;

35. JIDENTIFIKAW u JISKAMBJAW, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar id-Demenzja, prassi tajba, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni mmirata, inkluż il-prevenzjoni sekondarja, il-promozzjoni tas-saħħa, id-dijanjożi f'waqtha, l-appoġġ u t-terapija wara d-dijanjożi, ir-riċerka, it-taħriġ u l-edukazzjoni ulterjuri tal-professjonisti tas-saħħa, kif ukoll informazzjoni pubblika għall-ġlieda kontra l-istigma;

36. ITEJBU l-kwalità tal-informazzjoni epidemjoloġika dwar id-demenzja sabiex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni jew programmi nazzjonali, kif ukoll l-iskambju ta' prassi tajba;

37. JENFASIZZAW il-ħidma ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u x-xogħol volontarju fil-qasam tad-demenzja bil-għan li jikkontribwixxu b'mod effettiv għal strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni jew programmi nazzjonali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

38. ISSAĦĦAĦ il-kooperazzjoni ta' Stati Membri tal-Grupp ta' Esperti Governattivi dwar id-Demenzja sabiex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar oqfsa ta' politika u prattiki tajba diġà fis-seħħ, kif ukoll biex tappoġġa lill-pajjiżi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji, pjanijiet u programmi nazzjonali dwar id-demenzja;

39. TRAWWEM il-kooperazzjoni li għaddejja mad-WHO u l-OECD dwar id-demenzja, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

## Il-15 ta' Diċembru 2015

(2015/C 418/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0990 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5069 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 132,97 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,5173 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4614 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6186 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,72520 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5457 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,2883 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 292,34 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0831 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 16,4213 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,1017 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,4945 | HRK | Kuna Kroata | 7,6390 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 423,14 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,022 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7295 |
| HUF | Forint Ungeriż | 316,50 | PHP | Peso Filippin | 52,057 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3537 | RUB | Rouble Russu | 77,4920 |
| RON | Leu Rumen | 4,4960 | THB | Baht Tajlandiż | 39,427 |
| TRY | Lira Turka | 3,2573 | BRL | Real Brażiljan | 4,2609 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5200 | MXN | Peso Messikan | 18,9649 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 73,5161 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Notifika tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Ghajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għat-28 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Jannar 2016**

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))*

(2015/C 418/06)

Rati bażi kkalkulati skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu biex tkun stabbilita r-rata ta' riferenza u ta' tnaqqis (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6). Skont l-użu tar-rata ta' referenza, il-marġini xierqa għad għandhom ikunu ddefiniti f'din il-komunikazzjoni. Għar-rata ta' tnaqqis, dan ifisser li għandu jiżdied marġini ta' 100 punti bażi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 jipprevedi li, jekk mhux speċifikat diversament f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' rkupru għandha tkun ikkalkulata wkoll billi jkunu miżjuda 100 punti bażi fuq ir-rata bażi.

Ir-rati modifikati huma indikati b'tipa grassa.

It-tabella ta' qabel din hija ppubblikata-ĠU C 333, 9.10.2015, p. 3.

| Minn | sa | AT | BE | BG | CY | CZ | DE | DK | EE | EL | ES | FI | FR | HR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | MT | NL | PL | PT | RO | SE | SI | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.1.2016 | … | **0,12** | **0,12** | **1,63** | **0,12** | **0,46** | **0,12** | **0,36** | **0,12** | **0,12** | **0,12** | **0,12** | **0,12** | **1,92** | **1,37** | **0,12** | **0,12** | **0,12** | **0,12** | **0,12** | **0,12** | **0,12** | **1,83** | **0,12** | **1,65** | **-0,22** | **0,12** | **0,12** | **1,04** |

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2015/C 418/07)

B'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), ġie deċiż li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 3.12.2015 |
| Tul ta' żmien | 3.12 – 31.12.2015 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | GHL/N3LMNO |
| Speċi | Ħalibatt tal-Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) |
| Żona | 3LMNO tan-NAFO |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | 67/TQ104 |

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat tas-servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Obbligi ta' servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru bi skeda**

(2015/C 418/08)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | Spanja |
| Ir-rotta kkonċernata | Gran Canaria - Tenerife Sur<br>Gran Canaria - El Hierro<br>Tenerife Norte - La Gomera<br>Gran Canaria - La Gomera |
| Data tal-ftuħ mill-ġdid tar-rotot tal-OSP għal trasportaturi tal-ajru komunitarji | 1.8.2016 |
| L-indirizz minn fejn jista' jinkiseb t-test u kwalunkwe tagħrif jew dokumentazzjoni oħra b'rabta mal-obbligi tas-servizz pubbliku. | Ministerio de Fomento<br>Dirección General de Aviación Civil<br>Subdirección General de Transporte Aéreo<br>Paseo de la Castellana 67<br>28071 Madrid<br>SPANJA<br><br>Telefown: +34 915977505<br>Faks: +34 915978643<br>Indirizz tal-posta elettronika: osp.dgac@fomento.es |

Ir-rotot suġġetti għall-obbligi tas-servizz pubbliku jistgħu jiġu operati abbażi ta' aċċess ħieles għall-kompetizzjoni sa mill-1 ta' Awwissu 2016. Jekk f'perjodu ta' 15-il jum tal-kalendarju mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-ebda trasportatur tal-ajru ma jissottometti programm ta' servizzi konformi mal-obbligi imposti tas-servizz pubbliku, l-aċċess se jiġi ristrett għal trasportatur wieħed tal-ajru permezz tal-proċedura tal-offerti pubbliċi korrispondenti, f'konformità mal-Artikolu 16(9) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7793 — Lone Star Fund IX/MRH)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2015/C 418/09)

1. Fit-8 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Lone Star Fund IX (l-Istati Uniti tal-Amerika), takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-impriża MRH (GB) Limited kollha kemm hi ("MRH" tar-Renju Unit) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Lone Star huwa grupp ta' fondi ta' ekwità privata li jinvesti fi proprjetà immobbli, f'ekwità, fi kreditu u f'assi finanzjarji oħra'

— MRH hija s-sid u topera stazzjonijiet ta' servizz ta' fjuwil għall-karozzi fir-Renju Unit u ċ-Channel Islands.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permez tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7793 — Lone Star Fund IX/MRH, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT